# L-Ewropa

***Taqbel li Malta ssir membru ta' l-Unjoni Ewropea fit-tkabbir li se jsir fl-1 ta' Mejju, 2004?***





# Daħla

Minn żmien għal żmien kull poplu jissejjaħ biex jieħu deċiżjonijiet nazzjonali li jkollhom implikazzjonijiet fit-tul kemm għall-ġenerazzjonijiet preżenti kif ukoll għal dawk tal-ġejjieni.



F'Malta llum ninsabu f'mument bħal dan. Fi ftit ġimgħat oħra rridu niddeċiedu jekk Malta ssirx membru ta' l-Unjoni Ewropea.

It-tweġiba għal din il-mistoqsija tmiss materji ta' interess nazzjonali fundamentali. Qabel xejn, it-tweġiba tagħna tirrifletti it-tifsira u l-valuri li nassoċjaw mal-wirt Ewropew tagħna. Fl-istess ħin se tiddetermina il-mod u d-direzzjoni li se nsegwu biex inkomplu niżguraw il-ġid u s-sigurtà ta' pajjiżna.

Id-deċiżjoni tagħna mhux se tittieħed fl-għama. Hija l-qofol ta' sensiela ta' għażliet politiċi li ttieħdu f'dawn l-aħħar 20 sena. B'mod partikolari, id-deċiżjoni se tittieħed fi tmiem proċess ta' tnax-il sena li jinkludi tlett snin sħaħ ta' negozjati ddettaljati li ġabu 'l quddiem l-aspetti ewlenin u li missew l-aktar oqsma ta' interess għas-soċjetà Maltija tal-lum.

Id-deċiżjoni li issa rridu nieħdu hija għalhekk tassew parti integrali mill-ħajja li qed ngħixu llum, mgħaġunin kif aħna f'ambjent politiku u ekonomiku internazzjonali kumpless, li dejjem aktar jinbidel b'ħeffa u li joffri sfida. Minħabba n-natura wiesa' ferm tagħha, id-deċiżjoni tagħna se jkollha wkoll impatt determinanti fuq x'tip ta' pajjiż u soċjetà se ngħaddu lil uliedna u lil ulied uliedna.

Ninsab konvint li sħubija fl-Unjoni Ewropea se tankra l-impenn fundamentali ta' Malta fid-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u lejn il-ħarsien tal-liġi. Iddaħħalna u tagħtina rwol fi proċess li kull ma jmur qed jibni żona ta' paċi, prosperità u ġustizzja mal-kontinent kollu Ewropew. Se tagħtina il-benefiċċji dejjiema li jiġu mill-għaqda u s-solidarjetà.

Ninsab daqstant konvint li n-negozjati li għadna kemm temmejna b'suċċess



ikkunsidraw, u b'mod sodisfaċenti solvew, il-kwistjonijiet kollha li kienu ta' tħassib partikulari għal Malta. Fl-istess ħin, ir-riżultati ta' dawn in-negozjati provdew bażi soda għal Malta biex tieħu d-drittijiet u r-responsabbiltajiet ta' sħubija fl-Unjoni Ewropea b'mod effettiv.

Sħubija fl-Unjoni Ewropea se ssaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku tagħna billi tagħtina sisien soda u se tagħtina l-għodda essenzjali biex nilqgħu għall-isfidi inevitabbli tal-globalizzazzjoni. Se twessa' u issaħħaħ il-politika tagħna favur l-għaqda soċjali billi żżid dimensjoni oħra f'oqsma bħalma huma d-drittijiet tal-ħaddiema, il-ħarsien tal-konsumaturi, il-ħarsien ta' l-ambjent, u l-kura ta' l-anzjani u ta' kull minn hu żvantaġġjat. Se tagħtina vuċi li biha se nsemmgħu l-politika tagħna ta' ħbiberija u koperazzjoni ma' pajjiżi oħra f'livelli bilaterali, reġjonali u globali.

Id-diskussjonijiet u d-dibattiti li kellna f'dawn l-aħħar snin, żguraw li l-poplu Malti issa huwa mħejji tajjeb biex jiddeċiedi dwar sħubija fl-Unjoni Ewropea b'għarfien sħiħ ta' dak kollu li tfisser.

Dan id-dokument huwa intenzjonat biex ikun kontribut ieħor f'dan ir-rigward. L-għan tiegħu huwa li jagħti stampa wiesgħa ta' x'inhi l-Unjoni Ewropea flimkien ma' rendikont tad-diversi materji li kienu trattati u riżolti fin-negozjati ta' Malta għal sħubija.



*Eddie Fenech Adami*
Prim Ministru